Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-20 ta' Mejju 2025**

**Distrett Zurrieq**

**Il-Pulizija**
**(Spt Roderick Attard)**

**Versus**

**Carlton Scicluna**
**(Karta tal-Identita' nru. 349888M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Carlton Scicluna**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 349888M.

Akkuzat talli :

1. Nhar id-29 ta' Jannar 2020 u/jew fil-granet ta' qabel gewwa l-Blokka 'San Antonio' Crt, Vjal l- Indipendenza, Zurrieq bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jipretendi li ghandu jgieghel, bl-awtorita' tieghu innifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jezegwixxi obbligazzjoni, tkun xi tkun, jew fixkel lil Claudia Inguanez fil-pussess ta' hwejjigha jew halla bini jew kisser il-mixi tal-ilma jew ha l-ilma ghalih, b'xi mod iehor kontra l- ligi indahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.
Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-affidavit taghha WPC 191 Amy Zammit, ikkonfermat illi Claudia Inguanez kienet marret l-ghassa taghmel rapport dwar cameras li l-imputat Carlton Scicluna kien wahhal fil-komun u fil-gallarija tieghu. Dawn il-cameras juru l-kwerelanta kull darba li taghmel uzu mill-komun jew il-garaxx. Fis-26 ta' Frar 2020 gie mitkellem l-imputat li kien tkellem mal-Avukat tal-ghazla tieghu u kien ghazel li ma jwegibx.

Illi xehdet Claudia Inguanez li qalet illi fit-28 ta' Ottubru 2019 kienet innutat flimkien ma' shabha tal-istess blokk, li twahhlu cameras fil-komun u din kienet kontra l-privatezza taghha u tat-tfal taghha. Hadd ma kien qalilhom bihom, u fil-fatt ma setghetx tghid meta twahhlu. Huma saru jafu bihom wara l-incident, ghax Carlton kien infurmhom li kellu l-cameras ghax ma kinux saru bi qbil bejn kulhadd. Wahda mill-cameras kienet taqbad l-entratura tal-garaxx komuni fejn hi tidhol u tohrog bil-karozza kuljum, u l-ohra kienet fil-komun li kienet taqbadha kemm jekk tuza' l-lift kif ukoll jekk titla' bit-tarag, u b'hekk Carlton kien jkun jaf fi x'hin tidhol u tohrog. Carlton kien joqghod fil-Flat numru 1 u hi kienet toqghod fil-flat numru 5. Fil-blokk kien hemm amministratur u ghal-ewwel ippruvaw jindirrizaw il-cameras ma' Carlton waqt laqgha, izda hu ma riedx inehhihom u lanqas setgha jbiddilhom biex ma jaqbadx l-entratura ghax iz-zona wisq zghira. Fil-kontro ezami x-xhud qalet illi taf illi hi tkun tidher ghax kien ghaddielha ritratti hu stess. Fit-30 t'Ottubru 2019 bghatilhom ritratt ta' x'jidher fil-camera, u wara laqgha tal-komun kien emenda l-camera, u fis-16 ta' Jannar 2020 baghat ritratt editjat fejn tidher bicca sewda. Hi tkellmet ma' tal-cameras u qalulha li cameras ma 'jigbdux b'dan il-mod. L-assocjazzjoni regghet kellmitu u bidilhom u baghat ritratt iehor fid-29 ta' Jannar li kienu zzoomjati. Ix-xhud pprezentat ritratti Dok CI 1 sa CI 5 fejn CI 1 juri l-camera tal-gallarija u CI 2 hija l-camera li kellu fuq il-bieb, ghalkemm wara kien biddel il-camera. Dawn hadithom hi stess. CI 3 hija l-ewwel screenshot li kien baghat lill-association fit-30 ta' Ottubru, CI 4 huwa t-tieni sett ta' screenshots li baghtilhom fis-16 ta' Jannar u CI 5 huma l-ahhar screenshots li kien baghat fid-29 ta' Jannar. L-owner tal-common parts kien Tony Bonanno.

Illi xehed l-imputat Carlton Scicluna fejn ipprezenta numru ta' ritratti minn google maps, li juri appartamenti u djar faccata taghhom li ghandhom il-cameras fuq it-tarag tal-komun taghhom u l-entratura tal-garaxx. Hu ndika l-blokka taghhom San Antonio bi vleggeg. Hu jaqbel illi

l-cameras ma tistax turi l-propjeta' ta' haddiehor. Il-*blackout* huwa built in fil-camera mis-software li huwa *masking* ghal parti li ma tridx li tidher u kemm fir-recording u jekk taraha live, ha taraha *blacked out* u ma tistax tnehhiha u terga' taghmilha meta trid ghax hija mis-software.

Illi fid-29 ta' Settembeu 2020, il-Qorti nnominat lil Keith Cutajar sabiex jaccedi fuq il-post u jikkonstatata dwar l-angolazzjoni u x'juru l-cameras impoggija fil-propjeta' u cioe' fil-gallarija u fuq il-bieb tal-imputat u jhejji rapport. Illi l-Espert xehed fil-21 ta' Mejju 2024, fejn qal li fid-29 ta' Settembru 2020 kien gie nominat mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit sabiex jaccedi fuq il-post u jikkonstata dwar l-angolazzjoni u x'juru l-cameras fuq il-gallarija u fuq il-bieb tal-Flat numru 1  gewwa San Antonio Court, Vjal Indipendenza, Zurrieq. Hu kien mar fit-8 ta' Ottubru 2020 u seta' jikkonferma li l-cameras ma jirrikordjawx is-sound, ghax ma kellhomx microphone installati fihom. Hu pprezenta r-rapport mmarkat Dok KC1 u ghamel referenza ghal pagna 7, 8 u 9 tar-rapport tieghu fejn il-camera ta' fuq il-bieb juri t-tapit, it-tarag u l-bicca tal-lift, ghax il-camera hija wide angle u ntuzat sistema ta' *masking,* li tfisser li jigu mmarkati bil-pixels, kaxxex suwed, biex min jghaddi minn hemm ma jigix irrekordjat. L-istess ghal camera fil-gallarija, ghalkemm taqbad ftit aktar mill-gallarija, ghax hemm ir-rampa tal-garaxx, izda dawn huma *masked* biex min jghaddi mit-triq jew ghal garaxx ma jigix jidher. Fil-fatt fir-ritratt numru 10, ir-railing ma jidhirx kollu, ghax il-parti sewda taghtti kull haga li jigri hemm li jissejjah *masking* fit-teknologija, u tidher biss il-proprjeta' ta' l-imputat, u jekk tersaq vicin tal-bieb tieghu, trid taqbez fil-gallarija biex tidher.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat hu akkuzat li wahhal camera fil-komun tal-appartamenti kif ukoll fil-gallarija tieghu, li taghti fuq post li huwa accessat mir-residenti tal-istess blokk u/jew li juzaw il-garaxx fosthom Claudia Inguanez u ghalhekk fixkilha fil-pussess ta' hwejjigha. Minkejja li l-istess Claudia Inguanez ilmentat ma' l-amministratur tal-condominium u saru xi varjazzjonijiet fil-camera mill-imputat, hija xorta hassitha li kienu qed jinkisrulha d-drittijiet taghha, u ghalhekk saret kwerela lill-Pulizija. Illi l-Qorti semghet ix-xhieda u hatret ukoll lil Keith Cutajar bhala espert sabiex jaccedi fuq il-post u jikkonstata angolazzjoni u x'juru l-cameras. Fir-rapport tal-espert hareg illi l-cameras sarulhom modifiki fis-software

taghhom bhala *black out*, sabiex il-persuni li jkunu ghaddejjin ma jkunux jistghu jigu identifikati.

Illi wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali specjalment ir-rapport ta' l-Espert Tekniku, il-Qorti hija konvinta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

## Decide

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat Carlton Scicluna **mhux hati** ta' l-akkuza migjuba kontrih u qed tilliberah minnha.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**